

- jikkundanna lill-BĊE sabiex jagħti rimbors ta' 100 % lir-rikorreni għall-ispejjeż mediċi kollha sostnuti mill-2006 relattivi għall-marda tar-rikorreni;
- jikkundanna lill-BĊE sabiex iħallas lir-rikorreni interessi moratorji ta' 8 % tal-ammont mogħti;
- jikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-77/12)

(2012/C 319/32)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Partijiet**

Rikorren: ZZ (rappreżentant: R. Nedin, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorren ma jgħix ammess għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kompetizzjoni EPSO/AD/208/11.

**Talbiet tar-rikorren**

- Annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-ilment tat-18 ta' Jannar 2012 u tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Ġħażla tal-10 ta' Mejju 2012, peress li dawn imorru kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ugwaljanza tal-opportunitajiet, kif ukoll it-tħassir tal-konsegwenzi legali tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-79/12)

(2012/C 319/33)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorren: ZZ (rappreżentant: J. Duvekot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrevokaw lir-rikorren mill-funzjonijiet tiegħu u li jnaqqsu

l-ammont tal-pensjoni tiegħu wara proċedura dixxiplinari mibdiya minħabba ksur tal-Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet tar-rikorren**

- jannulla d-deċiżjonijiet tad-29 ta' Settembru 2011,
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2012 — ZZ vs EIT**

(Kawża F-80/12)

(2012/C 319/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorren: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, A. Blot, avukati)

Konvenuta: Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tassejna lir-rikorren pożizzjoni ta' xogħol differenti.

**Talbiet tar-rikorren**

- jannulla d-deċiżjoni li taħtar lir-rikorren bħala konsulent li tħabbret lilu fis-16 ta' Settembru 2011, u kkonfermata mill-verżjoni aġġornata tad-deskrizzjoni ta' xogħlu li għet ikkomunikata lilu fis-6 ta' Ottubru 2011;
- f'każ ta' bżonn, jannulla d-deċiżjoni impliċita li tiċħad l-ilment tar-rikorren, li ġie ppreżentat fis-16 ta' Diċembru 2011;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2012 — ZZ vs BEI**

(Kawża F-82/12)

(2012/C 319/35)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorren: ZZ (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investment

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli li tiċħad l-appell tar-rikorren kontra r-riżultat tat-tieni evalwazzjoni globali fuq il-ħidma mwettqa fl-2007.